Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,513, 30 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 209 tal-2025

ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA (KAP. 77)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda u mar-Raba' Skeda li jinsabu mal-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Ewwel Skeda" u r-"Raba' Skeda" rispettivament. Kap. 77.

Jemenda l-Ewwel Skeda.

2. L-Ewwel Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-Formula A tagħha l-kliem "Dritt imħallas €2.50" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Dritt imħallas €2.80";

(b) fil-Formula B tagħha l-kliem "Dritt imħallas €2.50" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Dritt imħallas €2.80".

Jemenda r-Raba' Skeda.

3. Fit-titolu tar-Raba' Skeda l-kliem "(Artikolu 3(2))" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(Artikolu 3(3))".